# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 16 ta' Marzu 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**

**vs**

**Ibrahime Chariy**
**Foufane Moussa**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Ibrahime Chariy**, ta' 17 il-sena, mill-Kosta tal-Ivorju, iben Mahmoud u Sayo Dabo, imwieled Doueue, Kosta tal-Ivorju nhar l-01 ta' Frar, 2004, residenti gewwa Hal-Far Open Centre, u detentur ta' Numru tal-pulizija 20Z-216;

**Foufane Moussa**, ta' 17 il-sena, mill-Kosta tal-Ivorju, iben Foufana Ibrahim u Doubia Mateje, imwieled Daloa, Kosta tal-Ivorju nhar il- 15 ta' Settembru, 2004, residenti gewwa Hal-Far Open Centre, u detentur ta' Numru tal-pulizija 20Z-230;

Akkuzati talli fit- 15 ta' Marzu, 2021 u jew fil- jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer;

1. Kellhom f'idhom, passaport, maħruġ minn awtorià kompetenti, jew li, ttrasferixxu dan il-passaport lil persuna oħra jew irċievew passaport li ġie ttrasferit lilhom minn persuna oħra (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamlu użu jew ittantaw li jagħmlu użu minn Passaport maħruġ lil persuna oħra, cioé dak diġa imsemmi (Kap 61, Sec 4 tal-Liġijiet ta' Malta); u

3. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi taw prospet falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Liġijiet ta' Malta)

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati kull wiehed mill-imputati, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali netta u l-eta ta' l-imputati li ghandhom minorenni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 32(1)(c)tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannahom tlett (3) xhur prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**